# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1481/00**

**Numru 31**

**Casapinta Design Group Limited**

**vs**

**Jason Briffa**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm983.25 oltre l-imghax legali ta' servizzi moghtija mis-6 ta' Settembru 2000 mis-socjeta attrici lill-konvenut fil-Back to School Fair skond booking maghmul ghall-istand fil-Malta Trade Fair Corporation nru 5, 6 u 7 Hall A li saret f'Settembru 2000 u dan skond invoice nru 5693.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ qbid 2795/00 NB. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 7 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm983.25,0 bl-imghax legali mit-13 ta’ Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtollatorju numru 2795/00 NB.

Alan Calleja
Deputat Registratur